

60 Sena Anniversarju mill-mewt tal-Qaddejja t'Alla

# MADRE MARGERITA DEBRINCAT

1952-2012

kitba ta' **Sr Marion Debrincat**



*Bint denja tar-raħal Ta' Kerċem*

Din is-sena s-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesú qed infakkru l-150 sena mit-twelid u s-60 sena mill-mewt tal-Fundatriċi Madre Margerita De Brincat. Ghalhekk huwa xieraq li nitkellmu dwar il-ħajja qaddisa u erojka tagħha.

Il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù dehret fi ħdan il-Knisja bħala għotja tal-Ispirtu s-Santu u għandha l-oriġini tagħha fil-gżira tagħna bil-ħidma magħquda ta' Dun Ġuzepp Diacono, li ta l-bidu, u tal-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita De Brincat li bnietha, ħarsitha u wasslitha għall-maturità tagħha.

Il-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita De Brincat (1862-1952), li bħalissa għaddej il-proċess tal-Beatifikazzjoni tagħha quddiem il-Kongregazzjoni tal-Qaddisin f'Ruma, kienet mara ta' karattru sod, kuraġġjuża u li għexet b'viżjoni tal-futur.

Virġinia, l-isem tat-twelid tagħha, twieldet fit-28 ta' Novembru 1862 fir-raħal ta' Kerċem. Kienet it-tmien wild ta' Mikelanġlu De Brincat u Katerina Gauci. Ta' 15-il sena Virġinia De Brincat għamlet il-vot tal-verġinità tagħha u fit-8 ta' Diċembru 1877 kienet aċċettata fl-Assoċjazzjoni tat-tnax-il stilla tal-Qalb ta' Ġesù. Kien minn dan il-motiv li f'Għawdex għadhom isibu s-Sorijiet ta' din il-Kongregazzjoni bħala s-Sorijiet tal-Istilla. Wara diversi talbiet li hi għamlet, fil-5 ta' Frar tal-1881 ġiet aċċettata fil-Kongregazzjoni li kien għadha fil-bidu tagħha tas-Sorijiet Terzjarji Fraġiskani.

L-imħabba tagħha lejn Kristu, l-Għarus tagħha Kurċifiss, kien l-element l-aktar qawwi li ta ħajja u għaqqad fil-fond iż-żewġ karatteristiċi prinċipali tal-ħajja reliġjuża tagħha: il-kontemplazzjoni u l-appostolat.

Madre Margerita kellha personalità spiritwali qawwija u li tolqot: mimlija fidi, umiltà, mogħtija għat-talb, għall-mortifikazzjoni u għas-servizz.

F'età żagħżugħa, Dun Ġużepp Diacono għażilha bħala segretarja ġenerali tal-Kongregazzjoni mibdija minnu fl-1880. Meta nfetħet id-dar ta' Birkirkara fl-1885 Madre Margerita ġiet mibgħuta bħala superjura u għalliema. Il-ħajja tagħha hija marbuta ħaġa waħda mal-Kongregazzjoni, li tagħha kienet Superjura Ġenerali għal perjodu ta' 24 sena (1889-1901; 1904-1911; 1917-1923).

Bi dritt kollu għalhekk hija meqjusa bħala fundatriċi, għax ħadet f'idejha b'kuraġġ u determinazzjoni t-tmexxija tal-Kongregazzjoni fl-aktar mument diffiċli tagħha fl-1887 meta kienet sejra tispiċċa fix-xejn. Kienet Madre Margerita bil-għajnuna tal-Isqof Mons. Pietru Pace li għarfet tirbaħ is-sitwazzjoni kritika interna u esterna li kienet tinsab fiha l-Kongregazzjoni. Il-bidu kien iebes u tqil; imma l-faqar, is-sempliċità, il-ferħ, l-ispirtu fratern u l-abbandun sħiħ f'idejn ir-rieda ta' Alla, kienu l-virtujiet li mexxew il-ħajja ta' Madre Margerita u tal-ewwel sorijiet tagħha.

Kien fiż-żmien li Madre Margerita kienet Superjura Ġenerali li l-Kongregazzjoni fetħet djar 'il barra mix-xtut Maltin:

- Fl-1907 ġiet miftuħa l-ewwel dar f'Korfù biex tagħti għajnuna spiritwali lil bosta Maltin li kienu emigraw hemm biex isibu xogħol.
- Fl-1922 infetħu l-ewwel żewġt idjar fl-Italja, f'żewġ postijiet fi Sqallija, eżattament fi Troina u Regalbuto.
- Fl-1927 Madre Margerita kienet membru fil-Kunsill Ġenerali meta ġiet aċċettata l-istedina tal-Franġiskan Kapuċċin P. Mizzi biex jintbagħtu l-ewwel sorijiet fl-Etjopja.

Madre Margerita fuq kollox tat lill-Kongregazzjoni, li għal tant snin mexxiet u li baqgħet dejjem tifforma bl-eżempju u bit-tagħlim tagħha, stil ta' ħajja spiritwali u appostolika qawwija u dinamika. Dan għin biex il-Kongregazzjoni tagħna setgħet timxi 'l quddiem b'pass imgħaġġel biex tilħaq il-maturità kariżmatika u l-identità tagħha, u dan għin filli tikber u tixtered mal-kontinenti.

L-ittri tagħha, madwar 200, jagħtuna ħafna informazzjoni dwar kemm hi kienet tinsisti mas-sorijiet tagħha biex tiffurmahom. Infakkru b'mod partikulari żewġ aspetti. Wieħed, b'karattru personali. Kienet twissi u tqanqal lis-sorijiet biex jikkorrispondu b'fedeltà u ġenerożità għall-grazzja tal-vokazzjoni, billi jagħmlu mill-ħajja tagħhom tweġiba ta' mħabba għall-imħabba tal-Għarus tagħhom Imsallab. L-ieħor, ta' karattru appostoliku, kien filli kienet twissi lis-sorijiet li, hi x'inhi l-ħidma tagħhom, hi parti mit-tweġiba tagħhom tal-vokazzjoni reliġjuża. F'dan kollu naraw moħbija l-għajta kontinwa tagħha: **"Inħobbu l-Imħabba u nagħmlu li tkun magħrufa u maħbuba minn kulħadd"**.

Mill-1924 sal-1929 kienet l-ewwel superjura fid-Dar tal-Adorazzjoni fil-Belt Valletta, Malta. Fis-sitt snin li hi għexet f'din id-dar, u li baqgħet dejjem tiftakar b'nostalġija kbira, il-Madre kellha l-opportunità li tixrob jekk mhux li taqta' l-għatx kbir tagħha ta' intimità ma' Ġesù Ewkaristija.

Mill-1930 sal-ewwel xhur tas-sena 1940, wara waqfa qasira, kienet superjura tad-dar tax-Xagħra. Matul dan il-perjodu f'din id-dar, żewġ attitudinijiet tagħha ġew partikolarment innutati minn dawk kollha li kienu jgħixu



viċin tagħha: il-ħeġġa u l-ħerqa li kellha biex tgħin lill-morda u lill-anzjani, kif ukoll il-mod li bih kienet tieħu ħsieb il-formazzjoni spiritwali taż-żgħażagħ. Din il-ħidma ta' formazzjoni Madre Margerita kienet twettaqha bi premura kontinwa ta' omm ukoll fost ħutha s-sorijiet. Kienet tagħmlu b'mod partikulari maż-żgħażagħ li kienu jkunu għadhom fil-formazjoni tal-bidu.

Wara dan iż-żmien, minħabba l-marda tagħha, hi baqgħet tgħix fil-Casa Madre, fir-Rabat, Għawdex sal-mewt.

Matul ħajjitha Madre Margerita żammet relazzjonijiet tajba ħafna ma' Dun Ġużepp Diacono. Hu min-naħa tiegħu baqa' jgħin lis-sorijiet, kemm mill-aspett morali kif ukoll dak materjali, tant li Madre Margerita baqgħet iżżommu u ssejjaħlu "il-Fundatur".

Madre Margerita mietet b'fama ta' qdusija fit-22 ta' Jannar 1952, fil-Casa Madre, ir-Rabat, Għawdex, fl-età sabiħa ta' 89 sena, mibkija mis-sorijiet tagħha u minn dawk kollha li kellhom ix-xorti li jkunu jafuha.

Fl-4 ta' Lulju 1988 ġie miftuħ, fid-Djoċesi ta' Għawdex, il-proċess tal-Beatifikazzjoni. Wara li nġabru bosta dokumenti u nstemgħu ħafna xhieda , fit-22 ta' Jannar tas-sena 2000 il-proċess djoċesan kien magħluq u fis-17 ta' Frar tal-istess sena ġie miftuħ il-proċess tal-Beatifikazzjoni quddiem il-Kongregazzjoni tal-Qaddisin f'Ruma.

Fl-4 ta' Marzu tas-sena 2004 ġiet ippreżentata lill-Kongregazzjoni tal-Qaddisin f'Ruma l-*Positio* fuq il-ħajja u l-virtujiet ta' din il-mara qawwija.

Madre Margerita matul ħajjitha kienet dejjem meqjusa bħala l-anġlu ħarries u l-mexxejja spiritwali tal-Kongregazzjoni.

Madre Margerita kellha x-xorti li tara l-Kongregazzjoni tikber fin-numru ta' vokazzjonijiet tajba u tixtered f'pajjiżi differenti, billi ħadet dejjem iktar dimensjoni internazzjonali u xejra missjunarja.